**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAT-28 ta' Gunju, 2001**.

Citazzjoni Numru 929/01

Master Distributors Limited gja maghrufa bhala Master Wine Ltd.

Vs.

Club Riza Management Limited

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' Lm3514.21 (tlett elef hames mija u erbatax il-lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) rappresentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'xorb mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta (statement anness Dok B);

Illi is-socjeta konvenuta ghad li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert,likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta' Artikolu l67-l70 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti

ma dan l-att Affidavit (Dok "A") a tenur tal-istess artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni U procedura Civili;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli l67-l70 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm3514.21 (tlett elef hames mija u erbatax il-lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) rapresentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'xorb mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta' Novembru, 2000, tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Frar, 2001, u bl-imghax legali mis-l6 ta' Ottubru, 2000 data ta' l-ahhar konsenja kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat in-nota tas-socjeta attrici li biha irriduciet is-sorte ghall-Lm3414.21(tlett elef, erba mija u erbatax il-lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) stante pagament ta' Lm100 (Mitt lira maltin) fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talba tas-socjeta attrici kif ridotta;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-talba fic-citazzjoni kif ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta, tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici fic-citazzjoni kif ridotta bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur